MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2508/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Josephine Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00), in kwantu ghas-somma ta' mija hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00) import ta' hames (5) kambjali annessi mal-avviz u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, 4 u 5, u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' seba' liri Maltin (Lm7.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq din is-somma;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00), bl-imghaxijiet legali mis-17 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispjjez ta' dina l-istanza ghadhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**